MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 541/1999/1

**Marsovin Limited**

**Vs**

**Emmanuel Portelli**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa mija u tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm993.92c0m) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija lill-konvenut mibjugha u konsenjata, kif jidher mill-prospett (Dok A) flimkien mal-imghax legali mid-data tal-konsenja.

Bl-ispejjez – komprizi Lm5.75c tal-ittra legali – kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument anness mal-istess avviz (fol 2 tal-atti) kif ukoll dak verbalizzat waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2003 (fol 27 tal-istess atti) u waqt dik tat-18 ta' Gunju 2003 (fol 28 ibid).

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-24 ta' Novembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm993.92,0 bl-imghax legali mis-16 ta' April 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi Lm5.75,0 tal-ittra legali msemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------